# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors Revoka numru 921/21/2 RGM**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv nru 909/21 fl-ismijiet:

**Carmelo sive Charles Bianco għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited**

**v.**

**Jamila Essail**

1. Fil-21 ta' Ġunju 2021 Carmelo sive Charles Bianco għan-nom u in rappreżentanza ta' Western Company Limited ippreżenta mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra Jamila Essail għall-ammont ta' €15,493, bl-imgħax u l-ispejjeż riservati. F'dak il-mandat is-sekwestranta ndikat li t-titolu eżekuttiv tagħha kien provenjenti minn ittra uffiċjali mibgħuta lis-sekwestrata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

(numru ta' referenza: 139/2020) li ġiet reża eżekuttiva fit-8 ta' Jannar 2021. F'din l-ittra ġie ddikjarat li l-ammont mitlub mis-sekwestranta kien jirrappreżenta pagamenti li mmaturaw iżda ma tħallsux mis-sekwestrata skont kif miftiehem f'kuntratt ta' bejgħ li sar bejn il-partijiet.

2. Fis-17 ta' Settembru 2021 is-sekwestrata ppreżentat rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn ippremettiet li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ġie nnotifikat lil Bank of Valletta plc fejn hija għandha kont bankarju li fih jiġi depożitat il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali u li għalhekk hija ma tistax tutilizza l-istess benefiċċju, u dan kontra dak dispost mill-Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija għalhekk talbet lill-Qorti sabiex:

> "Tħassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 909/2021 limitatament u cioe f'dak li jirirgwarda lis-sekwestratarju Bank of Valletta Plc u dan stante li hemm raġuni valida fil-liġi u ċioe fl-Artikoli 381 u 382 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta."

3. Is-sekwestranta ppreżentat r-risposta tagħha fid-19 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema opponiet it-talba tas-sekwestrata u argumentat li hawn m'aħniex qed nitkellmu dwar benefiċċju iżda dwar kont bankarju li fih hemm tfaddil tas-sekwestrata. Skont is-sekwestranta, sabiex it-talba tas-sekwestrata tirnexxi s-sekwestrata kellha tipprova li l-benefiċċju kien għadu kif ġie depożitat il-bank u li allura l-flus li hemm il-bank huma biss dawk ġejjin mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, filwaqt li kif appena dawk il-flus jibqgħu fil-kont u magħhom jiżdiedu oħrajn ma jibqgħux jitqiesu

bħala benefiċċju ai termini tal-Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda bħala tfaddil.

4. Bid-digriet kamerali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat konformement ma' dak hawn deċiż,
>
> 1. Tilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti fis-sens illi tordna li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 909/2021 ma jkollux effett fuq l-ammonti depożitati mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-kont bankarju intestat f'isem ir-rikorrenti mal-Bank of Valletta plc (kont numru 400.......132).
>
> 2. Tawtorizza lir-rikorrenti tiżbanka miċ-ċedola ta' depożitu numru 1284/21 l-ammonti rappreżenanti l-benefiċju soċjali depożitat mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-kont bankarju tar-rikorrenti mal-Bank of Valletta plc.
>
> Bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."

5. Is-sekwestranta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-31 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-digriet appellat billi tiddikjara l-istess digriet null u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għas-smigħ mill-ġdid ta' dawn il-proċeduri jew billi tiċħad it-talbiet tal-appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

6. Is-sekwestrata ppreżentat ir-risposta tagħha fil-5 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-aggravji kollha tal-appellanta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanta.

**Ikkonsidrat:**

**L-Aggravji dwar in-Nullità tad-Digriet Appellat**

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanta targumenta li d-digriet appellat huwa null peress li ngħata kameralment minflok bil-miftuħ kif inhu meħtieġ fil-liġi. Permezz tat-tieni aggravju mbagħad l-appellanta targumenta li d-digriet appellat huwa null peress li ma ngħatax mhux aktar minn xahar mill-jum tal-preżentata tar-rikors.

8. L-appellata twieġeb fir-rigward tal-ewwel aggravju li l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jindikax espressament il-forma tad-digriet, u ċioè jekk għandux jingħata kameralment jew le. Issostni li għalhekk dan l-aggravju huwa infondat għaliex il-liġi hija siekta fuq dan il-punt u allura d-digriet mhuwiex proċeduralment monk kif issostni l-appellanta. Fir-rigward tat-tieni aggravju l-appellata twieġeb li l-partijiet ma kinux ġew notifikati bl-avviż tas-smigħ maħruġ mill-Ewwel Qorti u għalhekk it-terminu kontemplat fl-Artikolu 229(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qatt ma seta' effettivament beda jiddekorri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanta ssostni li d-digriet appellat huwa null peress li ngħata kameralment a kuntrarju ta' dak meħtieġ fil-

liġi, filwaqt li l-appellata ssostni li l-liġi ma teħtieġx li d-digriet kellu jingħata bil-miftuħ. Il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li m'hemm l-ebda sub-inċiż li jgħid espressament li d-digriet mogħti ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jingħata bil-miftuħ, ir-raba' sub-inċiż tal-istess artikolu jipprovdi li t-terminu għall-preżentata tal-appell jibda jiddekorri "minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ." Il-Qorti għalhekk tqis li dan ma jfisser xejn ħlief li d-digriet mogħti ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħata fil-qorti bil-miftuħ. Fil-fatt dan ingħad ċar u tond fid-dibattiti parlamentari fejn kien espressament intqal hekk:

> "Allura hawnhekk l-ewwel ħaġa qegħdin naqtgħu barra d-dritt li l-qorti tagħtih *in camera* u trid issir *in open court*."[1]

10. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Azzopardi v. Joseph Calleja et** (Appell, 15/12/2003) fejn intqal:

> "Huwa logiku illi meta l-ligi ssemmi illi d-digriet irid jinghata mill-Qorti waqt seduta bil-miftuh l-iskop hu li l-parti li tkun ressqet it-talba tkun notifikata bih u b'hekk ikollha l-opportunita` illi fiz-zmien utli ta' sitt ijiem "mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuh" (subinciz (6) ta' l-Art. 229) tipprezenta l-appell taghha.
>
> Fil-kaz in ezami jidher ovvju illi l-Qorti nferjuri ma segwietx din il-proprjeta` proceduralI sancita mil-ligi fil-precitati subinciz 5 ta' l-Art 229. Li jfisser illi dak li sar kien proceduralment irritwali."

11. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appellanta għandha raġun fl-ewwel aggravju tagħha li d-digriet appellat huwa null ladarba ma ngħatax fil-Qorti bil-miftuħ iżda kameralment. Ladarba d-digriet appellat qiegħed jiġi

[1] Kumitati Permanenti Għall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, Laqgħa numru 70 (10/10/2006) pġ. 8.

annullat b'konsegwenza li ntlaqa' l-ewwel aggravju l-Qorti tqis li m'hemmx lok li jiġi determinat it-tieni aggravju li huwa wkoll dwar in-nullità tad-digriet appellat. Ikkonsidrat però li t-talba tas-sekwestrant hi li jew tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għal smigħ mill-ġdid jew tisma' l-mertu tar-rikors revoka hi stess, u l-partijiet diġà kellhom l-opportunità li jressqu l-provi kollha li ħassew li huma relevanti u jagħmlu s-sottomissjonijiet kollha li xtaqu, u kkonsidrat ukoll in-natura ta' dawn il-proċeduri li l-liġi stess trid li jiġu deċiżi bi speditezza partikolari, il-Qorti tqis li m'għandhiex tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex ir-rikors tas-sekwestrata jerġa' jinstema' u jiġi deċiż, iżda tqis li jkun ferm aħjar li tiddeċiedi l-istess rikors hija stess.

**It-Tielet Aggravju**

12. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanta targumenta li l-appellata ma setgħetx tipproċedi taħt l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda kellha tipproċedi permezz ta' rikors ġuramentat. Targumenta li l-appellata mhijiex qed tattakka l-mandat innifsu iżda l-eżegwibilità tiegħu u mhux kontestat li l-mandat in kwistjoni m'għandu l-ebda difett fil-forma u nħareġ mill-Qorti t-tajba. Tgħid li għalhekk skont il-ġurisprudenza din ma kinitx il-proċedura idoneja f'dan il-każ għaliex ir-rimedju provdut mill-Artikolu 281 tal-Liġijiet ta' Malta huwa intiż biss għal dawk il-każijiet fejn il-mandat ikun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Iżżid li ladarba l-appellata qed tattakka biss l-eżekuzzjoni tal-

mandat hija kellha tmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi permezz ta' rikors ġuramentat.

13. L-appellata twieġeb li kuntrarjament għal dak argumentat mill-appellanta, il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-proċedura opportuna u idoneja għar-rimedju li trid tikseb. Tgħid li skont l-Artikolu 381 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-benefiċċji msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali ma jistax jinħareġ mandat ta' sekwestru fuqhom *ab initio* u l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq tali benefiċċji jikkawża preġudizzju kbir lis-sekwestrat u huwa aġir manifestament abbużiv anke jekk ma jkunx sar b'konsapevolezza premeditata. Targumenta li hekk kif il-Qorti tiġi nfurmata li l-ħwejjeġ attakkati huma l-istess ħwejjeġ espressament elenkati fl-Artikolu 381 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti għandha tagħmel dak kollu fil-poter tagħha sabiex tirregola dik il-pożizzjoni li jekk ma tinbidilx tikkostitwixxi abbuż tal-għodda legali tat-titolu eżekuttiv.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Il-Qorti tirrileva li l-appellanta qatt ma qajmet dan l-argument fir-risposta tagħha. Fil-fatt, l-unika kontestazzjoni tagħha kontra t-talba tas-sekwestrata appellata kienet biss fis-sens li huwa legalment possibbli li l-flejjes maqbuda ma jammontawx għal benefiċċju soċjali iżda biss għal

tfaddil f'kont bankarju u għalhekk huma suġġetti għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Il-Qorti tqis għalhekk li mhuwiex permissibbli għall-appellanta li tqajjem dan l-argument f'dan l-istadju tal-proċeduri.

15. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat. Il-Qorti rat li teżisti ġurisprudenza fis-sens li r-rimedju provdut fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa disponibbli biss fejn ikun il-mandat innifsu li jkun qed jiġi attakkat fuq raġuni ta' nullità tal-mandat għaliex ikun inħareġ minn qorti żbaljata jew għaliex ikun afflitt minn xi difett ta' forma. Minn qari ta' din il-ġurisprudenza jidher li din il-linja ta' ħsieb hija bbażata fuq l-argument li mid-dibattiti parlamentari jidher li l-leġislatur ma kellux l-intenzjoni li jibdel dak li qabel kien l-Artikolu 238A li kien jipprovdi rimedju biex jiġi attakkat mandat eżekuttiv meta dan ikun null, u li l-intenzjoni kienet biss li dan ir-rimedju jkun disponibbli wkoll għal terz interessat. Wara li rat id-dibattiti parlamentari in kwistjoni din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni. Huwa minnu li parti kbira mill-iskop ta' din l-emenda kien li terzi interessati jkollhom rimedju effikaċi u spedit meta jiġu milquta minn mandat eżekuttiv fuq il-proprjetà tagħhom. Il-Qorti tqis peró li bl-ebda mod ma jista' jingħad li dan kien l-unika skop tal-leġislatur, jew li minn qari ta' dawn id-dibattiti jirriżulta ċar li l-leġislatur ried li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 281 tkun disponibbli biss f'każijiet fejn il-mandat ikun inħareġ mill-qorti żbaljata jew ikollu difett fil-forma. Fil-fatt

l-eżempju li ngħata bħala spjegazzjoni tal-għan ta' din l-emenda juri li l-leġislatur ma kellux f'moħħu biss iż-żewġ raġunijiet imsemmija meta ddeċieda li jintroduċi dan ir-rimedju, kif jidher mis-segwenti silta:

> "**ONOR. ANGLU FARRUGIA:** Jiġifieri ħloqna proċedura biex ma ssirx kawża.
>
> **ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Għandek raġun. Tajna rimedju iktar malajr u ma bgħatnihx għall-kawża. Għax f'kawża x'jiġri? Mela jien nagħmel il-kawża u l-marixxal qabad l-oġġett. Il-marixxall jiġi fid-dubju jekk jaqbdux jew le. Issa jekk il-marixxall jaqbad l-oġġett u tagħmel il-kawża u tiġi deċiża favur tiegħek, jeħilha d-debitur. Fil-qorti l-kreditur qatt ma jiġi akkollat l-ispejjeż, jiġi akkollat l-ispejjeż id-debitur, jiġifieri allura b'dan il-mod iffrankajna ħafna iktar u hawnhekk inti se tidħol għall-mekkaniżmu tat-tassazzjoni ta' rikors u mhux tassazzjoni ta' rikors ġuramentat."[2] [sottolinear ta' din il-Qorti]

16. L-eżempju li ngħata fis-silta ċitata huwa ta' sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm ċertezza jekk l-oġġett in kwistjoni għandux ikun suġġett għall-eżekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni jew le. Din la hija kwistjoni ta' difett fil-forma tal-mandat u lanqas kwistjoni ta' mandat maħruġ minn Qorti żbaljata, iżda xorta waħda jidher li l-leġislatur ried li r-rimedju provdut mill-artikolu 281 ikun applikabbli għal tali sitwazzjoni, sabiex din tkun tista' tiġi rimedjata malajr u b'inqas spejjeż għad-debitur. Il-Qorti tosserva li t-talba tal-appellata taqa' nettament entro l-parametri ta' dan l-eżempju mogħti fid-dibattiti parlamentari, għaliex l-argument tagħha huwa li skont il-liġi l-mandat in kwistjoni ma jistax jiġi eżegwit fuq flejjes perċepiti minnha bħala benefiċċju tas-sigurtà soċjali. Dan mhuwiex każ fejn l-appellata qed tattakka l-mertu tat-titolu tal-appellanta, iżda qiegħda biss tattakka l-eżekuzzjoni tiegħu fuq dawk il-flejjes li hija tgħid li huma

[2] *Ibid.,* pġ. 9.

benefiċċju tas-sigurtà soċjali li skont il-liġi mhumiex suġġetti għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru. Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-appellata kif magħmula tista' validament issir permezz ta' rikors sempliċi intavolat *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ir-Raba' Aggravju**

18. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta aċċettat li tirriduċi l-effett tal-mandat in kwistjoni billi aċċettat li l-appellata għandha tiżbanka ammont sostanzjali mill-kont bankarju indikat fid-digriet appellat. Targumenta li ma jistax jingħad li l-appellata ressqet l-aħjar prova dwar jekk verament il-pagamenti sarux mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali billi ma ġiex prodott rappreżentant tad-Dipartiment biex jikkonferma dan. Targumenta wkoll li hija ġurisprudenza kostanti li biex it-talba tal-attriċi tirnexxi hija kellha turi li l-benefiċċju kien għadu kif ġie depożitat u allura l-flus li hemm il-bank huma biss dawk ġejjin mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Skont l-appellanta, jekk dawn il-flus jibqgħu fil-kont u magħhom jiżdiedu oħrajn ma jibqgħux benefiċċji u jsiru tfaddil. Dwar l-Artikolu 381(j) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jargumenta li dan l-artikolu mhuwiex applikabbli. Il-kont bankarju in kwistjoni ma jintużax biss biex jiġi depożitat fih il-benefiċċju tas-sigurtà

soċjali li tirċievi l-appellata peress li hija stess ammettiet li rċeviet xi pagamenti oħra minn xogħol ta' traduzzjoni li għamlet għal xi seduti tal-Qorti.

19. L-appellata twieġeb li hija ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi li l-pagamenti relattivi ġew mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Targumenta li kieku kellu jintlaqa' l-argument tal-appellanta niġu fi stat fejn benefiċċji monetarji maħsuba għal nies li jinsabu f'qagħda finanzjarja kritika ma jistgħu jiġu utilizzati minnhom, li tkun waħda ta' preġudizzju kbir għalihom u toħloq preċedent perikoluż fuq livell umanitarju. Targumenta li l-Artikolu 381(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar fis-sens li l-benefiċċji bħal dawk li hija tibbenefika minnhom ma jistgħux jiġu affetwati bl-ebda mod minn mandat ta' sekwestru, u l-intenzjoni tal-leġislatur għandha tiġi rispettata. Dwar l-argument tal-appellanta li jitratta l-Artikolu 381(j) tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet ċara meta laqgħet it-talba tagħha limitatament għal pagamenti maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u mhux fir-rigward tal-kont bankarju intier, b'mod illi l-kont bankarju baqa' suġġett għall-effetti tal-mandat ta' sekwestru fejn il-pagamenti jkunu ġejjin minn sorsi ulterjuri u mhux id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ir-rikorrenti qed titlob li l-Qorti tħassar l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv nru 909/2021 "limitatament u cioe' f'dak li jirrigwarda lis-sekwestratarju Bank of Valletta p.lc.".

Jingħad mill-ewwel illi l-fatt li f'kont bankarju ġie allegatament depożitat benefiċċju soċjali ma jintitolax lis-sekwestrat jitlob ir-revoka tal-effetti kollha tal-mandat minn fuq sekwestratarju li f'idejh ikun ġie hekk depożitat benefiċċju soċjali.

It-talba kif impostata m'għandiex fondament legali u l-Qorti setgħat waqfet hawn.

Il Piu' Comprende il Meno.

Pero', tenut kont illi hawn si tratta allegatament ta' pagament ta' benefiċċju soċjali u allura wisq probabli l-mertu jeffettwa l-ħtiġijiet bażiċi tar-rikorrenti, il-Qorti hija propensa li tikkonsidra t-talba in linea mal-massima il piu' comprende il meno. U dan b'miżura ridotta fis-sens li tikkonsidra li fit-talba hemm inkluż talba għar-revoka tal-effetti tas-sekwestru eżekuttiv fuq dak l-ammont trasferit fil-kont bankarju li r-rikorrenti għandha mal-Bank of Valletta plc, rappreżentanti l-ammont li allegatament ġie trasferit mid- Direttur tas-Siġurta Soċjali fil-kont bankarju tar-rikorrenti bħala għajnuna soċjali.

Att LXII tal-2021.

Rilevanti jiġi osservat illi proprju fil-mori ta' dan ir-rikors, preċiżament fid-29 ta' Ottubru 2021, ġie promulgat l-Att LXII tal-2021 li permezz tiegħu ġie emendat Artikolu 381 tal-Kap. 12 fis-sens li fost l-oħrajn ġie miżjud fil-lista' ta' dak li ma hux sekwestrabbli :

(j) kontijiet bankarji li huma użati biss u esklussivament biex jirċievu fihom depożiti skont il-paragrafi (b), (ċ) u (i). Banek li huma indikati bħala sekwestratarji f'mandat ta' sekwestru għandhom jiżguraw li dawn il-kontijiet ma jiġux milquta bleffetti tal-istess mandat ta' sekwestru:Iżda l-banek huma obbligati li jiftħu, u jżommu miftuħa, il-kontijiet bankarji għall-għanijiet hawn fuq imsemmija.".

Bit-testimonjanza tagħha tal-24 ta' Jannar 2022 u bid-dokumenti minnha preżentati fl-istess udjenza, ir-rikorrenti ippruvat sodisfaċentement illi fil-kont bankarju numru 400......132 intestat f'isimha mal-Bank of Valletta qed jiġu depożitati mensilment mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali ammonti rappreżentanti għajnuna soċjali. Jirriżulta wkoll illi l-ammont sekwestrat f'idejn il-Bank of Valletta kien jirrappreżenta benefiċċju soċjali lilha dovut u trasferit mid-Direttur tas-Siġurta Soċjali fil-kont bankarju tagħha mal-Bank of Valletta u li eventwalment ġie depożitat taħt l-awtorita' tal-qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1284/21 datata 8 ta' Lulju2021.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ippruvat sodisfaċentement illi l-provenjenza tal-ammont depożitat fil-kont bankarju tagħha u eventwalment depożitat mill-Bank of Valleta taħt l-awtorita' tal-qorti bil-meżż taċ-ċedola numru 1284/21 huwa benefiċju soċjali destinat lir-rikorrenti."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

21. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa infondat l-argument tal-appellanta li l-appellata ma ressqitx prova sodisfaċenti dwar il-pagamenti li hija tirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bħala benefiċċju soċjali. L-appellata xehdet u bil-ġurament tagħha kkonfermat li l-introjtu tagħha huwa l-benefiċċju soċjali li tirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali salv għal xi pagamenti żgħar li rċeviet għal xogħol ta' interpretu li għamlet għal Qorti, u ppreżentat rendikont maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali dwar il-ħlasijiet maħruġa għas-sena 2021 u kopja tar-rendikont bankarju tagħha li jkopri l-perjodu bejn il-21 ta' April 2021 u t-2 ta' Diċembru 2021. L-appellanta bl-ebda mod ma kkontestat l-affidibilità ta' dawn id-dokumenti u saħansitra lanqas għamlet kontroeżami tal-appellata. Għaldaqstant din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni sabiex tiddubita l-affidabilità tad-dokumenti prodotti mill-appellata u l-veraċità tal-kontenut tagħhom.

22. Lanqas ma' taqbel mal-appellanta fl-argument tagħha li l-benefiċċju soċjali perċepit mill-appellata huwa suġġett għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ladarba kien depożitat fil-kont bankarju tal-appellata. Il-fatt li dawn il-benefiċċji soċjali ġew depożitati fil-kont bankarju tal-appellata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali xejn ma jnaqqas mill-fatt li dawn huma benefiċċji tas-sigurtà soċjali li l-leġislatur

espressament iddispona m'għandhomx ikunu suġġett għall-effetti ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Mid-dokumenti preżentati mill-appellata jirriżulta ċar li l-maġġior parti tal-flejjes li l-appellata għandha depożitati f'dan il-kont huma provenjenti minn ħlasijiet magħmula direttament mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u intestati bħala tali fir-rendikont bankarju. Fil-liġi l-leġislatur ma pprovda l-ebda terminu entro liema l-benefiċċju tas-sigurtà soċjali depożitat il-bank għandu jinħareġ mill-kont jew jintefaq sabiex ikun ħieles mill-effetti ta' mandat ta' sekwestru effettiv, iżda pprovda biss għal projbizzjoni ġenerali li benefiċċji tas-sigurtà soċjali jiġu maqbuda permezz tal-imsemmi mandat. Għalhekk huwa assolutament irrelevanti li l-appellata ma ħarġitx il-benefiċċju perċepit minnha fil-mument li daħal fil-kont ladarba jirriżulta b'mod ċar liema huma dawk il-flejjes fil-kont tagħha li hija pperċepiet bħala benefiċċju soċjali. Minn dan għandu jsegwi bħala konklużjoni loġika li dawn il-flejjes li jirriżulta ċar li huma benefiċċju tas-sigurtà soċjali m'għandhomx ikunu suġġett għal mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dan sabiex jiġi żgurat li l-intenzjoni tal-leġislatur tiġi fil-fatt attwata. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmel Zammit v. Anthony Sultana (**PA, 31/01/1994) fejn intqal:

> "L-interpretazzjoni tal-ligi għandha dejjem tkun marbuta mal-finalita` tagħha. M'għandhiex tiġi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li tagħti lok għall-vessazzjoni bla raġuni…"

23. L-appellanta għandha raġun però li t-talba kif magħmula mill-appellata ma tistax tintlaqa' kompletament, peress li jirriżulta li f'dan il-

kont daħlu żewġ pagamenti, b'total ta' €95 li l-appellata rċeviet mill-Aġenzija tas-Servizzi tal-Qorti għal servizzi professjonali reżi minnha. Għalhekk kif sewwa targumenta l-appellanta l-Artikolu 381(1)(j) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli peress li dan l-artikolu japplika biss fir-rigward ta' kontijiet bankarji wżati esklussivament biex jirċievu depożiti skont il-paragrafi (b), (c) jew (i) tal-istess artikolu. Dan ma jfissirx però li t-talba tal-appellata ma tistax tiġi milqugħa limitatament peress li din il-Qorti tista' tordna li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ma jolqotx id-depożiti fil-kont tal-bank imsemmi li jkunu ġew depożitati mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bħala benefiċċju soċjali, kif ukoll l-iżbank tal-ammont depożitat mill-Bank of Valletta li jirrappreżenta flejjes provenjenti mill-istess depożiti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanta u tiddikjara d-digriet appellat null, tilqa' limitatament it-talba tal-appellata u:

i. Tordna li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 909/2021 m'għandux jolqot il-flejjes li diġà ġew jew għad irid jiġu depożitati fil-kont bankarju ndikat fir-rikors tal-appellata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bħala benefiċċju soċjali; u

ii. Tawtorizza lill-appellata tiżbanka l-flejjes depożitati mill-Bank of Valletta permezz taċ-ċedola numru 1284/21 limitatament fir-rigward tal-ammont rappreżentanti l-benefiċċji soċjali depożitati fil-kont imsemmi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

L-ispejjeż tal-prim' istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjeż tal-appell jitħallsu in kwantu għal 25% mill-appellata u in kwantu għal 75% mill-appellanta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr